Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2137(INI)

17.11.2025

EMENDI
1 - 141

Abbozz ta' rapport
Veronika Cifrová Ostrihoňová
(PE778.284v01-00)

L-aċċess pubbliku għad-dokumenti – ir-rapport li jkopri s-snin 2022 - 2024
(2025/2137(INI))

Emenda 1
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali;

Or. en

Emenda 2
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***– wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tas-17 ta' Lulju 2024 fil-Kawżi	T-689/21, Auken et vs Il-Kummissjoni u T-761/21	Courtois et vs Il-Kummissjoni[1a],***
	***[1a] Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2025 Kawżi T-689/21	Auken et vs Il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:2024:476 u T-761/21	Courtois et vs Il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:2024:477***

Or. en

Emenda 3
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, b'mod partikolari r-rapport speċjali 11/2025: It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs,

Or. en

Emenda 4
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-Trattati tal-UE jiggarantixxu lil kull ċittadin id-dritt għall-parteċipazzjoni demokratika u t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, dritt li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jagħtu aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi dan id-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti, protett mit-Trattati u mill-Karta, jippermetti skrutinju effettiv taċ-ċittadini[12]; billi l-QĠUE affermat l-aċċess pubbliku għad-dokumenti bħala parti essenzjali mid-demokrazija parteċipattiva;	A. billi t-Trattati tal-UE jiggarantixxu lil kull ċittadin id-dritt għall-parteċipazzjoni demokratika u t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, dritt li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jagħtu aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi dan id-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti, protett mit-Trattati u mill-Karta, jippermetti skrutinju effettiv taċ-ċittadini[12]; billi l-QĠUE affermat l-aċċess pubbliku għad-dokumenti bħala parti essenzjali mid-demokrazija parteċipattiva; ***billi l-QĠUE ddeċidiet li l-iskrutinju pubbliku tal-informazzjoni li dwarha tittieħed azzjoni leġiżlattiva huwa prekundizzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet demokratiċi;***
[12] L-Artikolu 10(3) tat-TUE, fid-dawl tat-tlettax-il premessa tal-preambolu tiegħu,	[12] L-Artikolu 10(3) tat-TUE, fid-dawl tat-tlettax-il premessa tal-preambolu tiegħu,

kif ukoll tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 9 tiegħu, u tal-Artikolu 15 tat-TFUE.	kif ukoll tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 9 tiegħu, u tal-Artikolu 15 tat-TFUE.

Or. pl

Emenda 5
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-Trattati tal-UE jiggarantixxu lil kull ċittadin id-dritt għall-parteċipazzjoni demokratika u t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, dritt li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jagħtu aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi dan id-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti, protett mit-Trattati u mill-Karta, jippermetti skrutinju effettiv taċ-ċittadini[12]; billi l-QĠUE affermat l-aċċess pubbliku għad-dokumenti bħala parti essenzjali mid-demokrazija parteċipattiva;	A. billi t-Trattati tal-UE jiggarantixxu lil kull ċittadin id-dritt għall-parteċipazzjoni demokratika u t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti, dritt li jirrikjedi li l-istituzzjonijiet***, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenzji tal-UE*** jagħtu aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi dan id-dritt fundamentali ta' aċċess għad-dokumenti, protett mit-Trattati u mill-Karta, jippermetti skrutinju effettiv taċ-ċittadini[12] ***u għalhekk għandu jiġi eżerċitat b'mod proattiv***; billi l-QĠUE affermat l-aċċess pubbliku għad-dokumenti bħala parti essenzjali mid-demokrazija parteċipattiva;
[12] L-Artikolu 10(3) tat-TUE, fid-dawl tat-tlettax-il premessa tal-preambolu tiegħu, kif ukoll tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 9 u tal-Artikolu 15 tiegħu.	[12] L-Artikolu 10(3) tat-TUE, fid-dawl tat-tlettax-il premessa tal-preambolu tiegħu, kif ukoll tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 9 u tal-Artikolu 15 tiegħu.

Or. en

Emenda 6
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-QĠUE saħqet li l-iskrutinju	B. billi l-QĠUE saħqet li l-iskrutinju

pubbliku tal-informazzjoni leġiżlattiva huwa essenzjali għad-demokrazija u jippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet demokratiċi tagħhom;	pubbliku tal-informazzjoni leġiżlattiva huwa essenzjali għad-demokrazija u jippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet demokratiċi tagħhom ***u li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu bl-aktar mod miftuħ u qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini***;
	Or. pl

Emenda 7
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-QĠUE saħqet li l-iskrutinju pubbliku tal-informazzjoni leġiżlattiva ***huwa*** essenzjali għad-demokrazija u jippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet demokratiċi tagħhom;	B. billi l-QĠUE saħqet li ***t-trasparenza inerenti għall-proċedura leġiżlattiva u li*** l-iskrutinju pubbliku tal-informazzjoni leġiżlattiva ***huma*** essenzjali għad-demokrazija u jippermetti liċ-ċittadini jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet demokratiċi tagħhom;
	Or. it

Emenda 8
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jirrikonoxxi l-importanza partikolari tal-għoti ta' aċċess saħansitra usa' għad-dokumenti meta l-istituzzjonijiet tal-UE jaġixxu fil-kapaċità leġiżlattiva tagħhom; jissottolinja l-ħtieġa partikolari li jiġi żgurat aċċess dirett għad-dokumenti leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 9
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ċ-ċittadini jistennew b'mod leġittimu t-trasparenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE għandhom iwieġbu għal dawk l-aspettattivi b'mod ċar u li jinftiehem;	C. billi ċ-ċittadini jistennew b'mod leġittimu t-trasparenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE għandhom iwieġbu għal dawk l-aspettattivi b'mod ċar u li jinftiehem; ***billi l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE hija fundamentali għad-demokrazija, il-governanza tajba u t-tfassil effettiv tal-politika tal-UE; billi l-prinċipji ta' ftuħ u trasparenza għandhom jirregolaw mhux biss il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet iżda wkoll il-mod li bih jiġi abbozzat test;***

Or. en

Emenda 10
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi ċ-ċittadini jistennew b'mod leġittimu t-trasparenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE għandhom iwieġbu għal dawk l-aspettattivi b'mod ċar u li jinftiehem;	C. billi ċ-ċittadini jistennew b'mod leġittimu t-trasparenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà mill-awtoritajiet pubbliċi, u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE għandhom iwieġbu għal dawk l-aspettattivi b'mod ċar u li jinftiehem; ***billi l-ftuħ u l-governanza tajba fil-funzjonament tal-UE u fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha***

huma indispensabbli biex tinbena l-fiduċja fl-Unjoni u se jiżguraw leġittimità, effiċjenza u obbligu ta' rendikont akbar tal-amministrazzjoni lejn iċ-ċittadini tagħha;

Or. pl

Emenda 11
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi r-rwol tal-Ombudsman Ewropew kien essenzjali fis-salvagwardja tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti, inkluż permezz tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM; jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jiżguraw li l-Ombudsman Ewropew tista' tkompli teżerċita dan ir-rwol b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 12
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni ***u*** għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni;	D. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni***,*** għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni ***minn stati ostili, u biex jiġi żgurat li l-korpi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni joperaw b'mod ġust***;

Or. fi

Emenda 13
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa ***kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni u għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni;***	D. billi l-aċċess ***fil-ħin*** għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa ***estremament importanti u ċ-ċaħda mhux ġustifikata tal-aċċess għall-informazzjoni toħloq dubji leġittimi fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u tar-rappreżentanti tagħhom***;

Or. sk

Emenda 14
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni u għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni;	D. billi l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni u għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni; ***billi d-dewmien fl-għoti tal-aċċess jimmina dan il-proċess;***

Or. en

Emenda 15
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-aċċess għal informazzjoni	D. billi l-aċċess ***f'waqtu*** għal

affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni u għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni;

informazzjoni affidabbli u preċiża huwa kruċjali għas-salvagwardja kontra l-miżinformazzjoni u għall-ġlieda effettiva kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni;

Or. it

Emenda 16
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Irena Joveva, Lucia Yar, Malik Azmani, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-ftuħ u l-governanza tajba huma essenzjali għall-bini tal-fiduċja, il-leġittimità u l-obbligu ta' rendikont fl-UE; billi l-Unjoni hija msejsa fuq demokrazija rappreżentattiva u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tagħha jeħtiġilhom jirrispettaw l-ogħla standards tat-trasparenza u tal-integrità; billi sorveljanza demokratika effettiva tirrikjedi skrutinju robust u parteċipazzjoni taċ-ċittadini biex tiġi promossa l-governanza tajba;

Or. en

Emenda 17
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi fil-Każ 1499/2021/SF, l-Ombudsman sabet b'mod inekwivoku li r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku shih għad-dokumenti relatati man-negozjati leġiżlattivi kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina;

Or. pl

Emenda 18
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-inkjesta strateġika tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat dewmien sistemiku u sinifikanti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fit-trattament tagħha tal-applikazzjonijiet konfermatorji (talbiet mill-applikanti biex tiġi rieżaminata t-tweġiba inizjali tagħha) wara r-rifjuti inizjali li ċ-ċittadini jingħataw aċċess għad-dokumenti;	E. billi l-inkjesta strateġika tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat dewmien sistemiku u sinifikanti mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fit-trattament tagħha tal-applikazzjonijiet konfermatorji (talbiet mill-applikanti biex tiġi rieżaminata t-tweġiba inizjali tagħha) wara r-rifjuti inizjali li ċ-ċittadini jingħataw aċċess għad-dokumenti; ***li mhumiex previsti sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tat-terminu ta' 15-il jum previst mill-Artikolu 7 tar-Regolament 1049/2001 fl-għoti jew fir-rifjut tal-aċċess għad-dokumenti;***

Or. it

Emenda 19
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi fir-rapport speċjali tagħha 11/2025, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) sabet li filwaqt li l-NGOs għandhom influwenza qawwija fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, hemm nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-finanzjament tal-UE mogħti lil dawn l-

entitajiet; billi r-rapport sab li aspetti importanti ta' status ta' NGO ma ġewx ikkontrollati b'mod sistematiku u dan wassal biex l-entitajiet kellhom klassifikazzjoni tal-NGOs mhux korretta fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja;

Or. en

Emenda 20
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jirrikonoxxi l-importanza tal-għoti ta' aċċess usa' għad-dokumenti meta l-istituzzjonijiet tal-EU jkunu qed jaġixxu fil-kapaċità leġiżlattiva tagħhom u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess dirett għad-dokumenti leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 21
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi r-rapport tal-QEA saħaq li l-NGOs jistgħu jirċievu għotjiet biex jappoġġjaw l-ispejjeż operattivi tagħhom, inkluża l-promozzjoni, madankollu, fl-awditu tagħhom, il-QEA tiddikjara b'mod ċar li l-Kummissjoni ma tiżvelax informazzjoni dwar l-attivitajiet ta'

promozzjoni ffinanzjati; billi ċ-ċittadini privati u l-MEPs talbu ripetutament l-aċċess għall-kuntratti mal-NGOs mingħajr suċċess;

Or. en

Emenda 22
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi, skont il-QEA, il-Kummissjoni ma wettqitx kontrolli xierqa fuq id-dipendenza finanzjarja u s-sorsi ta' finanzjament tal-NGOs, u għaldaqstant injorat lill-partijiet ikkonċernati reali li jappoġġjaw lill-entitajiet li jibbenefikaw minn miljuni f'finanzjament tal-UE;

Or. en

Emenda 23
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi l-Kummissjoni ilha tevita r-responsabbiltà għal snin sħaħ u naqset milli tittratta b'mod xieraq l-aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi s-sussidji mogħtija lill-NGOs huma essenzjalment mhux trasparenti;

Or. en

Emenda 24
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi wara talbiet ripetuti, il-Kummissjoni ppubblikat lista ta' għotjiet tal-NGOs għall-perjodu 2019–2023 u l-valur totali tagħhom jammonta għal EUR 17-il biljun, b'aktar minn 37 000 kuntratt disponibbli fuq www.ngotransparency.eu; billi la l-ftehimiet tal-għotjiet u lanqas ir-rapporti finanzjarji ma huma disponibbli għall-pubbliku;

Or. en

Emenda 25
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ef (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ef. billi l-Kummissjoni tostakola t-trasparenza b'mod intenzjonat, għalkemm din tikkonċerna l-flus tal-kontribwenti Ewropej; billi l-iskandli tas-snin reċenti wrew li l-UE kienet qed tiffinanzja lill-NGOs għal-lobbying politiku, inkluż il-Parlament;

Or. en

Emenda 26
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi f'Mejju 2021, ġurnalist talab aċċess għad-dokumenti, inklużi messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni u Pfizer, iżda l-Kummissjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda rekord bħal dan abbażi tar-regoli ta' reġistrazzjoni interna; billi l-Ombudsman Ewropew ***sabet*** li dan ir-rispons ***ma kienx adegwat u rrakkomandat*** tfittxija mill-ġdid, f'konformità mal-obbligi ta' aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;	F. billi f'Mejju 2021, ġurnalist talab aċċess għad-dokumenti, inklużi messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni u Pfizer, iżda l-Kummissjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda rekord bħal dan abbażi tar-regoli ta' reġistrazzjoni interna; billi ***l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-każ huwa kwistjoni ta' tħassib; billi*** l-Ombudsman Ewropew ***ikkonkludiet*** li dan ir-rispons ***ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina u ppreżentat diversi rakkomandazzjonijiet bħala segwitu tal-każ, inkluż dwar kif għandhom jiġu rrekordjati messaġġi testwali u*** tfittxija mill-ġdid, f'konformità mal-obbligi ta' aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***billi l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Mejju 2025; billi, skont il-Qorti, il-Kummissjoni naqset milli tipprovdi spjegazzjoni plawżibbli biex tiġġustifika n-nuqqas ta' pussess tal-messaġġi[1a];***
	***[1a] Il-Kawża T-36/23	Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni, stqarrija għall-istampa: https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2025-05/cp250060mt.pdf***

Or. en

Emenda 27
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi f'Mejju 2021, ġurnalist talab aċċess għad-dokumenti, inklużi messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni u Pfizer, iżda l-Kummissjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda rekord bħal dan abbażi tar-regoli ta' reġistrazzjoni interna; billi l-Ombudsman Ewropew sabet li dan ir-rispons ma kienx adegwat u rrakkomandat tfittxija mill-ġdid, f'konformità mal-obbligi ta' aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;	F. billi f'Mejju 2021, ġurnalist talab aċċess għad-dokumenti, inklużi messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni u Pfizer, iżda l-Kummissjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda rekord bħal dan abbażi tar-regoli ta' reġistrazzjoni interna; billi l-Ombudsman Ewropew sabet li dan ir-rispons ma kienx adegwat u rrakkomandat tfittxija mill-ġdid, f'konformità mal-obbligi ta' aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jinnota li l-każ immina b'mod sinifikanti l-fiduċja taċ-ċittadini fil-Kummissjoni u fil-President tagħha;***

Or. fi

Emenda 28
Mariusz Kamiński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Membri tal-Kummissjoni u uffiċċjali ta' kariga għolja oħra tal-UE, fit-twettiq tad-dmirjiet tagħhom, jipparteċipaw uffiċjalment, kif muri mill-kopertura tal-ivjaġġjar, l-akkomodazzjoni, l-allowances per diem u spejjeż oħra, f'għadd kbir ta' laqgħat u konferenzi, inklużi dawk ta' natura mhux trasparenti, bħal-laqgħat tal-Grupp Bilderberg, fejn jiddiskutu politiki fdati lilhom fi ħdan il-portafolji rispettiva tagħhom, filwaqt li jonqsu milli jinfurmaw lill-pubbliku dwar is-sustanza ta' dawn id-diskussjonijiet jew iħejju kwalunkwe minuti tagħhom; billi l-ebda Kummissarju li ħa sehem fil-laqgħat tal-Grupp Bilderberg fis-snin reċenti fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu ma ppubblika d-dettalji ta' dawk id-diskussjonijiet, u waħda minnhom, il-Kummissarju Johansson, anke ħbiet l-

għan tal-missjoni tagħha; billi kopriet l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-membri tagħha f'dawn l-avvenimenti, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-attendenza tagħhom hija konnessa mat-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali, peress li tippermettilhom jippreżentaw politiki tal-Unjoni Ewropea fil-limiti tar-responsabbiltajiet tal-mandat tagħhom; billi fl-istess ħin il-Kummissjoni xxekkel l-aċċess pubbliku għad-dettalji ta' dawn il-laqgħat, u meta tiġi mġiegħla tirrilaxxa d-dokumenti, sa fejn jeżistu dawn id-dokumenti, tiċċensura informazzjoni essenzjali li tikkonċerna l-kontenut tagħhom;

Or. en

Emenda 29
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi messaġġi testwali relatati ma' politiki, attivitajiet u deċiżjonijiet diġà jaqgħu fid-definizzjoni ta' "dokument" skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jistipula li dokument jista' jkun kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta' ħoss, viżiv jew awdjoviż) dwar kwistjoni relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà tal-istituzzjoni; billi dan ma jfissirx li kwalunkwe messaġġ testwali skambjat ikollu jiġi rreġistrat u jkun aċċessibbli, iżda biss meta jirrigwardja l-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-Unjoni; billi l-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li ma tagħtix lill-pubbliku aċċess sħiħ għalihom jekk ikunu applikaw

l-eċċezzjonijiet elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, bħall-interess kummerċjali;

Or. en

Emenda 30
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Ombudsman ikkonkludiet li r-rifjut tat-tfittxija għall-messaġġi testwali mhux irreġistrati relatati man-negozjati dwar vaċċini ma' Pfizer ikkostitwixxa amministrazzjoni ħażina; billi l-Kummissjoni ma indikatx li kienet implimentat din ir-rakkomandazzjoni; billi, fl-14 ta' Mejju 2025, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm mistura l-messaġġi testwali, u b'hekk ikkonfermat in-nuqqas ta' trasparenza;

Or. en

Emenda 31
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-programm ta' ħidma tagħha għall-2025,*** il-Kummissjoni ***esprimiet l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposti COM(2011)0137 u COM(2008)0229 – it-tnejn li huma mmirati biex jemendaw*** ir-Regolament (KE) ***Nru 1049/2001 dwar l-***	G. billi ***fl-10 ta' Ottubru 2025*** il-Kummissjoni ***ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali (C/2025/5423) l-irtirar formali tal-proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari dawk li jaġġornaw*** ir-Regolament (KE) ***Nru 1049/01 fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona u tal-Karta tad-***

aċċess pubbliku għad-dokumenti – filwaqt li ssemmi n-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim prevedibbli, wara snin ta' staġnar leġiżlattiv mill-2011;	***Drittijiet tal-Unjoni Ewropea***;

Or. it

Emenda 32
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha 11/2025 "It-trasparenza tal-finanzjament li jingħata mill-UE lill-NGOs", enfasizzat in-nuqqas ta' trasparenza adegwata u informazzjoni xierqa dwar il-finanzjament tal-UE mogħti lill-NGOs skont il-politiki interni;

Or. pl

Emenda 33
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Lucia Yar, Irena Joveva, Malik Azmani, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-avvanz rapidu tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali (IA) jippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi biex jiġu żgurati l-preċiżjoni u t-trasparenza tal-informazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea u għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 34
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi s-sistemi tal-IA jista' jkollhom rwol pivotali fl-iskoperta u l-mitigazzjoni tal-informazzjoni ħażina u d-diżinformazzjoni, u b'hekk jappoġġjaw id-diskors pubbliku infurmat; billi huwa essenzali li l-użu tal-IA jirrispetta d-drittijiet fundamentali, jippromwovi l-obbligu ta' rendikont u jirrispetta l-ogħla standards tat-trasparenza biex tinżamm il-fiduċja pubbika u tissaħħaħ il-governanza demokratika;

Or. en

Emenda 35
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-iskandlu tal-Qatargate żvela li l-NGOs jistgħu jimmanipulaw il-proċess leġiżlattiv b'modi li jibbenefikaw lil pajjiżi terzi, u li hemm bżonn ta' titjib sistemiku f'termini ta' trasparenza tal-informazzjoni dwar il-finanzjament mogħti lill-NGOs mill-Kummissjoni Ewropea;

Or. pl

Emenda 36
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi dan l-intopp kontinwu jqajjem tħassib li d-dipendenza fuq il-qafas tal-2001 waħdu jaf ma għadux biżżejjed biex jissaħħaħ b'mod effettiv id-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-UE f'kuntest istituzzjonali u teknoloġiku modern;

Or. en

Emenda 37
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gd. billi fil-Kawża C-588/21 P, dwar talba minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ għall-aċċess għal standards tekniċi dwar is-sigurtà tal-ġugarelli, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-Kummissjoni messha rrikonoxxiet interess pubbliku prevalenti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jiġġustifika l-iżvelar ta' tali standards armonizzati;

Or. en

Emenda 38
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Jinnota li fl-2024, il-Kummissjoni emendat il-qafas ta' trasparenza tagħha billi adottat Regoli ta' Proċedura riveduti***, li jiċċaraw ir-regoli dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament*** (KE) Nru 1049/2001;	1. Jinnota ***bi tħassib*** li fl-2024, il-Kummissjoni emendat il-qafas ta' trasparenza tagħha billi adottat Regoli ta' Proċedura riveduti***; jissottolinja li hemm riskju dawn il-bidliet li jipperikolaw l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament*** (KE) Nru 1049/2001 ***u jirrappreżentaw pass lura f'termini ta' trasparenza peress li jinkludu restrizzjonijiet dwar iż-żamma ta' dokumenti (bħal messaġġi bit-test) u joħolqu preżunzjonijiet ġodda ta' nuqqas ta' divulgazzjoni***;
	Or. it

Emenda 39
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jinnota li fl-2024, il-Kummissjoni emendat il-qafas ta' trasparenza tagħha billi adottat Regoli ta' Proċedura riveduti, ***li jiċċaraw ir-regoli*** dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;	1. Jinnota li fl-2024, il-Kummissjoni emendat il-qafas ta' trasparenza tagħha billi adottat Regoli ta' Proċedura riveduti, ***f'tentattiv biex tiċċara r-regoli*** dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jissottolinja madankollu t-tħassib imqajjem minn xi partijiet ikkonċernati li saħqu li r-regoli l-ġodda jimponi restrizzjonijiet li jimminaw it-trasparenza u li mhumiex konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE;***
	Or. en

Emenda 40
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Josserva li fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 6 938 ***talbiet*** għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 641 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ta' 7 % mill-2023[13];	2. Josserva li fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 6 938 ***talba*** għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 641 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ta' 7 % ***f'applikazzjonijiet konfermatorji*** mill-2023[13]; ***josserva li fl-2023, il-Kummissjoni rċeviet 7 274 talba għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 599 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ta' 43 % f'applikazzjonijiet konfermatorji mill-2022[1a]; josserva li fl-2022, il-Kummissjoni rċeviet 7 410 talbiet għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 418 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ta' 17,8 % f'applikazzjonijiet konfermatorji mill-2021[1b];***
[13] Rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2025 dwar l-applikazzjoni fl-2024 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2025)0239).	[13] Rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2025 dwar l-applikazzjoni fl-2024 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2025)0239). ***[1a] Rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2024 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fl-2023 (COM(2024)266).*** ***[1b] Rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-applikazzjoni fl-2022 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2025)523).***

Or. en

Emenda 41
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Josserva li fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 6 938 ***talbiet*** għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 641 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ta' 7 % mill-2023[13];	2. Josserva li fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 6 938 ***talba*** għal aċċess inizjali ta' dokumenti u 641 applikazzjoni konfermatorja, li mmarkaw żieda ***żgħira*** ta' 7 % mill-2023[13];
[13] Rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2025 dwar l-applikazzjoni fl-2024 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2025)0239).	[13] Rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2025 dwar l-applikazzjoni fl-2024 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (COM(2025)0239).

Or. en

Emenda 42
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza li l-Kummissjoni, f'applikazzjonijiet konfermatorji, iddeċidiet li tagħti aċċess parzjali jew sħiħ għad-dokumenti f'51 % tal-każijiet fl-2022, f'85 % tal-każijiet fl-2023 u f'60 % tal-każijiet fl-2024; iqis li l-applikazzjonijiet konfermatorji żdiedu filwaqt li t-talbiet inizjali naqsu u l-proporzjon tad-deċiżjonijiet imreġġa' lura fl-istadju tal-applikazzjoni konfermatorja juri nuqqas ta' valutazzjoni bir-reqqa tat-talbiet inizjali;

Or. en

Emenda 43

András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza l-fatt li, sal-31 ta' Diċembru 2024, ir-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament kien fih 918 803 referenza (żieda minn 898 267 fi tmiem l-2023); jinnota li r-rata ġenerali ta' rispons pożittiv baqgħet ***għolja,*** 91 %, fejn l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati fi żmien medju ta' madwar disat ijiem ta' xogħol[14];	3. Jenfasizza l-fatt li, sal-31 ta' Diċembru 2024, ir-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament kien fih 918 803 referenza (żieda minn 898 267 fi tmiem l-2023); jinnota li r-rata ġenerali ta' rispons pożittiv baqgħet 91 %, fejn l-applikazzjonijiet jiġu ttrattati fi żmien medju ta' madwar disat ijiem ta' xogħol[14];
[14] Il-Parlament Ewropew, "Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2024 – Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew", Direttorat Ġenerali għall-Presidenza, Unità tat-Trasparenza, Mejju 2025.	[14] Il-Parlament Ewropew, "Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2024 – Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew", Direttorat Ġenerali għall-Presidenza, Unità tat-Trasparenza, Mejju 2025.

Or. en

Emenda 44
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Itenni li l-Parlament Ewropew irid jinżamm infurmat kif dovut matul in-negozjati internazzjonali dwar ftehimiet li jirrikjedu l-kunsens tiegħu;

Or. en

Emenda 45

Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jirrikonoxxi li fost l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kummissjoni rċeviet l-aktar aċċess għat-talbiet għad-dokumenti, u d-dipartimenti tas-Segretarjat Ġenerali u tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari kienu dawk bl-akbar ammont ta' talbiet;

Or. en

Emenda 46
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Josserva li l-Kummissjoni ħarġet 5 542 talba fl-istadju inizjali u 305 talba konfermatorja, filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-UE l-oħra avvanzaw ukoll sforzi ta' trasparenza: ir-reġistru tal-Kunsill kellu aktar minn 527 000 dokument sal-aħħar tal-2024, b'aktar minn 72 % pubblikament disponibbli, u pproċessa aktar minn 2 800 talba għal aċċess l-aktar mis-soċjetà ċivili u l-akkademja, u ta aċċess sħiħ jew parzjali f'85 % tal-każijiet;

Or. en

Emenda 47
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jilqa' dawn ix-xejriet peress li jenfasizzaw l-impenn kontinwu tal-UE għat-trasparenza fost sfidi legali u politiċi kumplessi; jinnota madankollu li f'85 % tal-każijiet rieżaminati, il-Kumissjoni ma ħaditx deċiżjoni fi ħdan il-limiti taż-żmien legali u li, f'60 % tal-każijiet, id-dewmien ammonta għal aktar minn 60 jum tax-xogħol;

Or. en

Emenda 48
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Malik Azmani, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. Jissottolinja li l-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi hija ta' interess pubbliku u li l-pubbliku għandu, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, jibbenefika minn aċċess wiesa' għal din l-informazzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-rifjut li jiġi pprovdut aċċess għall-informazzjoni dwar l-effetti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent, bħal fil-qasam tat-tniġġis kimiku, jista' jkollu impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika u l-protezzjoni taċ-ċittadini minn sustanzi perikolużi;

Or. en

Emenda 49
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, ***jenħtieġ li d-divulgazzjoni parzjali, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika***;	4. Jisħaq li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, ***il-partijiet l-oħra tad-dokument mitlub għandhom jinħarġu f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***;

Or. it

Emenda 50
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jisħaq li, anke fejn*** ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, ***jenħtieġ li*** d-divulgazzjoni parzjali***, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika;***	4. ***Jirrispetta l-fatt li*** ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, ***primarjament minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew difiża; jisħaq li f'tali każ anke*** d-divulgazzjoni parzjali ***għall-informazzjoni kkonċernata mhijiex xierqa***;

Or. sk

Emenda 51
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, ***jenħtieġ li d-divulgazzjoni*** parzjali, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika;	4. Jisħaq li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura ***minħabba raġunijiet ġustifikati***, ***id-divulgazzjoni*** parzjali, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, ***għandha*** tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, ***trasparenza,*** effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika;

Or. fi

Emenda 52
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jisħaq li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, jenħtieġ li d-divulgazzjoni parzjali, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika;	4. Jisħaq ***bi tħassib*** li, anke fejn ċerta informazzjoni tkun teħtieġ tinżamm mistura, jenħtieġ li d-divulgazzjoni parzjali, fejn tibqa' kemm fattibbli kif ukoll mixtieqa, tibqa' titqies, fil-kuntest tal-interess pubbliku prevalenti fit-trasparenza, li jinkludi l-prinċipji ta' governanza tajba, effiċjenza istituzzjonali, responsabbiltà demokratika u involviment ċiviku msaħħaħ fit-tfassil tal-politika;

Or. en

Emenda 53
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

4a. Jesprimi tħassib dwar l-użu frekwenti tal-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 biex jiġi rrifjutat l-aċċess sħiħ għad-dokumenti; ifakkar li, skont l-Ombudsman tal-UE, ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għad-dokumenti, inklużi d-dokumenti leġiżlattivi, għandhom ikunu eċċezzjonali u limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju; jesprimi dispjaċir għall-użu abbużiv tal-protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fi proċeduri kemm regolari kif ukoll ta' komitoloġija[1a]; ifakkar li fil-proċedura ta' komitoloġija, il-Qorti qieset li l-iżvelar tal-pożizzjoni tal-Istati Membri ma jimminax bħala tali l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet[1b];

[1a] Ara pereżempju l-Kawża T-163/21 | De Capitani vs Il-Kunsill u l-Kawża T‑201/21 | Covington & Burling u Van Vooren vs Il-Kummissjoni 14 ta' Ġunju 2024

[1b] Ara l-Kawża kkwotata qabel T‑201/21 | Covington & Burling u Van Vooren vs Il-Kummissjoni 14 ta' Ġunju 2024

Or. en

Emenda 54
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iqis it-theddid ibridu attwali u l-impatt tiegħu fuq id-demokrazija Ewropea; jemmen bis-sħiħ li impenn b'saħħtu u konsistenti għall-aċċess pubbliku u t-trasparenza jikkostitiwixxi pilastru fundamentali tas-sistema demokratika tal-Unjoni, filwaqt li jsaħħaħ l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-

ċittadini u jikkontribwixxi għal governanza tajba u ġestjoni finanzjarja tajba; jissottolinja li t-tisħiħ ta' dan il-pilastru fundamentali jsaħħaħ ukoll ir-reżiljenza tal-UE kontra l-interferenza barranija u jipprova jimmina l-integrità tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 55
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Iqis li l-applikazzjoni ta' approċċ proattiv kif ukoll l-adozzjoni ta' proċeduri aktar mgħaġġla, anqas ikkumplikati u aktar aċċessibbli għat-trattament tal-ilmenti kontra r-rifjut li jingħata aċċess, jgħinu biex tiġi żgurata trasparenza effettiva kif ukoll biex jiġi pprevenut tilwim legali bla bżonn li jista' jirriżulta fi spejjeż u piżijiet bla bżonn;

Or. en

Emenda 56
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. billi t-trasparenza ddisinjata tajjeb tgħin fil-ġlieda kontra n-narrattivi ta' konfoffa u d-diżinformazzjoni li jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini f'istituzzjonijiet demokratiċi u huma sfruttati sistematikament fi gwerer ibridi Russi u minn atturi antidemokratiċi u

ostili oħra;

Or. en

Emenda 57
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jesprimi tħassib dwar il-klassifikazzjoni żejda persistenti u mifruxa tad-dokumenti uffiċjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; itenni t-talba li ilu jagħmel, kif ippreżentat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, għall-istabbiliment ta' regoli ċari, konsistenti u legalment vinkolanti li jirregolaw il-klassifikazzjoni u d-deklassifikazzjoni tad-dokumenti;	5. Jesprimi tħassib ***serju*** dwar il-klassifikazzjoni żejda persistenti u mifruxa tad-dokumenti uffiċjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; itenni t-talba li ilu jagħmel, kif ippreżentat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, għall-istabbiliment ta' regoli ċari, konsistenti u legalment vinkolanti li jirregolaw il-klassifikazzjoni u d-deklassifikazzjoni tad-dokumenti; ***sabiex jiġi ssalvagwardjat l-obbligu ta' rendikont demokratiku;***

Or. en

Emenda 58
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jesprimi tħassib dwar il-klassifikazzjoni żejda persistenti u mifruxa tad-dokumenti uffiċjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; itenni t-talba li ilu jagħmel, kif ippreżentat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, għall-istabbiliment ta' regoli ċari, konsistenti u legalment vinkolanti li jirregolaw il-klassifikazzjoni u d-deklassifikazzjoni tad-	5. Jesprimi tħassib dwar il-klassifikazzjoni żejda persistenti u mifruxa tad-dokumenti uffiċjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE***, li hija ksur ċar tal-prinċipju ta' ftuħ***; itenni t-talba li ilu jagħmel, kif ippreżentat fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, għall-istabbiliment ta' regoli ċari, konsistenti u legalment vinkolanti li jirregolaw il-

dokumenti;	klassifikazzjoni u d-deklassifikazzjoni tad-dokumenti;

Or. fi

Emenda 59
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Huwa mħasseb dwar l-użu frekwenti tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 biex ma jingħatax aċċess sħiħ għad-dokumenti; itenni li istituzzjoni, korp jew aġenzija li jinvokaw waħda mill-eċċezzjonijiet dwar l-aċċess għad-dokumenti skont dan l-artikolu jeħtiġilhom iwettqu evalwazzjoni oġġettiva u individwali, juru li r-riskju għall-interess protett huwa fondat tajjeb, prevedibbli u mhux purament ipotetiku, u jiġġustifikaw kif xieraq kif l-aċċess għad-dokument jimmina b'mod speċifiku u effettiv l-interess protett; jappella lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-UE biex jintegraw dawn il-valutazzjonijiet fil-prattiki tagħhom biex jipprovdu aċċess għad-dokumenti; jenfasizza li għadu jista' jkun possibbli li jiġu żvelati xi partijiet ta' dokument meta partijiet oħra jkollhom bżonn jiġu protetti, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar, inkluża l-ħtieġa li jiġu żgurati governanza tajba, effiċjenza u responsabbiltà, kif ukoll l-involviment aktar mill-qrib taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jenfasizza l-ġurisprudenza tal-QĠUE li tirrikonoxxi d-dritt tal-pubbliku li jikseb aċċess għad-dokumenti mill-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill li jaġixxu fil-kuntest tal-proċess leġiżlattiv; jinnota, madankollu, li l-aċċess għad irid jintalab b'mod attiv; jinnota bi

thassib li l-problemi komuni li n-nies jiffaċċjaw meta jitolbu aċċess għad-dokumenti huma r-rifjut għall-aċċess mill-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji abbażi ta' argumenti mhux sostanzjali u inkonsistenzi fit-trattament ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti simili; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw l-aħjar prattiki biex jippermettu l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u tal-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE; jappella wkoll lill-aġenziji tal-UE biex jimplimentaw r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fil-politiki tagħhom dwar l-aċċess għad-dokumenti;

Or. en

Emenda 60
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas kontinwu ta' segwitu sinifikanti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet;	6. Jiddeplora n-nuqqas kontinwu ta' segwitu sinifikanti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet; ***jiddeplora wkoll il-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE ma jippubblikawx b'mod proattiv il-biċċa l-kbira tad-dokumenti relatati mal-fajls leġiżlattivi, u dan jipprevjeni liċ-ċittadini milli jkunu jafu liema dokumenti fil-fatt jeżistu, u għaldaqstant jimpedixxi l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jitolbu aċċess għad-dokumenti;***

Or. en

Emenda 61
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jiddeplora n-nuqqas kontinwu ta' segwitu sinifikanti*** mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet;	6. ***Jieħu nota tal-passi meħuda*** mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

Or. sk

Emenda 62
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jiddeplora n-nuqqas kontinwu ta' segwitu sinifikanti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet;	6. Jiddeplora ***b'qawwa*** n-nuqqas kontinwu ta' segwitu sinifikanti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill b'reazzjoni għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

Or. fi

Emenda 63
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi tħassib kbir li l-proposta tal-Kummissjoni tal-2022 għal regolament dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni [1a] tista' twassal għal aktar klassifikazzjoni żejda tad-dokumenti; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-proposta tintroduċi rekwiżit ta' "ħtieġa ta' tagħrif" għall-kondiviżjoni ta' ċerta

informazzjoni mhux klassifikata, li għalhekk iddgħajjef id-dritt fundamentali ta' aċċess għal dokumenti li jirriżulta mill-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jitlob li l-ġestjoni ta' informazzjoni sensittiva jew "klassifikata" tal-UE jkun regolat, skont l-Artikolu 52 tal-Karta, minn regolament ġdid tal-UE bbażat fuq l-Artikolu 15 tat-TFUE, li jinkludi setgħat ta' sorveljanza għall-Parlament Ewropew u għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta jkun meħtieġ;

[1a] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni, COM(2022) 119 final.

Or. it

Emenda 64
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-trasparenza tad-deċiżjonijiet meħuda fil-proċeduri ta' ksur, il-komitoloġija, in-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali u l-baġit tal-UE użati biex jiffinanzjaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, inkluż l-informazzjoni dwar l-ammont, l-għan u s-sors tal-finanzjament kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar kwalunkwe miżura potenzjali oħra ta' appoġġ ipprovduta minn aġenziji tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-Parlament u l-pubbliku jkunu jistgħu jeżerċitaw skrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE;

Or. en

Emenda 65
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Huwa mħasseb dwar id-diffikultajiet fl-aċċess għad-dokumenti minn ċerti aġenziji tal-UE, li jipprevjenu liċ-ċittadini u lill-MEPs milli jiskrutinizzawhom b'mod effettiv; iqis li l-iżvelar ta' laqgħat u interazzjonijiet bejn l-aġenziji tal-UE u partijiet terzi huwa essenzjali biex tiġi żgurata trasparenza msaħħa;

Or. en

Emenda 66
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom;	7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom; ***jitlob li jkunu inklużi sanzjonijiet ċari kontra l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji jew il-korpi tal-Unjoni Ewropea li jonqsu milli jirrispettaw l-iskadenzi stabbiliti għall-għoti jew ir-rifjut***

tal-aċċess għad-dokumenti fir-reviżjoni tar-Regolament 1049/2001; jemmen li, fin-nuqqas ta' risposta fiż-żmien stabbilit, it-talba għal aċċess tad-dokumenti trid titqies bħala aċċettata;

Or. it

Emenda 67
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom;	7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom; ***jinnota li l-Kummissjoni għadha ma implimentatx xi rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Ombudsman, b'mod partikolari dawk relatati mal-ilħuq tal-iskadenzi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jadottaw miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;***

Or. en

Emenda 68
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. ***Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra*** ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom;	7. ***Itenni t-tħassib tiegħu dwar ix-xejra*** ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji ***li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat***, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoreġi d-dewmien sistematiku tagħha fl-ipproċessar tat-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti;***
	Or. en

Emenda 69
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom;	7. Jirrikonoxxi li l-inkjesta tal-Ombudsman Ewropew deskritta fir-Rapport Speċjali OI/2/2022/OAM żvelat xejra ta' dewmien sistemiku mill-Kummissjoni biex twieġeb għal applikazzjonijiet konfermatorji, u sabet li n-nuqqasijiet strutturali, in-nuqqas ta' riżorsi u l-komunikazzjoni ineffettiva fl-aħħar mill-aħħar skoraġġixxew lill-individwi milli jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom; ***jirrimarka li din it-tip ta' kultura tax-xogħol tista' timmina l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet tal-UE;***
	Or. fi

Emenda 70
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li ma hemm l-ebda ħarsa ġenerali affidabbli tal-finanzjament tal-UE mogħti lill-NGOs. Din l-informazzjoni tiġi ppubblikata fuq diversi sistemi, siti web u bażijiet tad-data, li jirriżulta f'approċċ frammentat, li jxekkel it-trasparenza u jillimita l-għarfien dwar ir-rwol tal-NGOs fit-tfassil tal-politiki tal-UE u fl-implimentazzjoni tal-programmi;

Or. pl

Emenda 71
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma implimentatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman, u lanqas ma wriet impenn tanġibbli għal riforma sistemika; jilqa' għodod ġodda bħall-portal tal-EASE, jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet ewlenin bħad-dewmien persistenti, in-nuqqas ta' involviment mal-applikanti, u t-trasparenza inadegwata f'każijiet ta' profil għoli;

Or. en

Emenda 72
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar il-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar il-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi; ***jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-ismijiet tal-awturi (inklużi l-ismijiet tal-individwi, l-organizzazzjonijiet, it-think tanks, il-fondazzjonijiet u entitajiet oħra) involuti fl-abbozzar ta' rapporti regolari bħar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt;***

Or. pl

Emenda 73
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar il-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu ***konformi mad-drittijiet fundamentali u*** bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar il-ħtieġa, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom***, u jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt komprensiva***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi ***u żmien suffiċjenti għal konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa***;

Or. en

Emenda 74
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar ***il-ħtieġa***, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri kollha jkunu bbażati fuq data robusta u verifikabbli li turi b'mod ċar ***l-essenzjalità, il-kosteffettività, il-konsistenza mal-prinċipju ta' sussidjarjetà***, il-proporzjonalità u l-effikaċja mistennija tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura trasparenza sħiħa fl-għażla tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati matul it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi;

Or. fi

Emenda 75
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jinnota bi tħassib kbir in-nuqqas ġenerali tat-trasparenza u l-iskrutinju xieraq fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-NGOs;

Or. en

Emenda 76
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-għotjiet, il-kuntratti u d-dokumenti kollha b'mod awtomatiku, mingħajr kwalunkwe talba, fuq pjattaforma ċentrali online li tkun faċilment aċċessibbli, li fiha jkun faċli li titwettaq tfittxija u li tkun trasparenti;

Or. en

Emenda 77
András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut, Marieke Ehlers, Jaroslav Bžoch, Fabrice Leggeri, Roberto Vannacci, Jorge Buxadé Villalba, Nikola Bartůšek, Petra Steger

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti kollha relatati mal-finanzjament mill-NGOs tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali;

Or. en

Emenda 78
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddispjaċih li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza*** fil-Kunsill; jinnota bi tħassib is-sejbiet dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jiddispjaċih*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta'	9. ***Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas tat-trasparenza*** fil-Kunsill; jinnota bi tħassib is-sejbiet dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta'

pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;	pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni; ***ifakkar li skont l-Artikolu 16(8) tat-TUE, il-Kunsill jeħtieġlu jiltaqa' fil-pubbliku meta jkun qed jiddelibera u jivvota dwar abbozz ta' att leġiżlattiv; jissottolinja li l-identifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tad-dokumenti preparatorji fi proċeduri leġiżlattivi li għaddejjin bħala "LIMITE" tirrappreżenta restrizzjoni sproporzjonata fuq id-dritt taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għad-dokumenti leġiżlattivi; jisħaq li sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti, id-dokumenti leġiżlattivi kollha prodotti u/jew iċċirkolati fil-korpi preparatorji għandhom jitniżżlu wkoll f'reġistru pubbliku li jkun faċli għall-pubbliku biex jużah; iħeġġeġ lill-Kunsill itejjeb ir-regoli u l-proċeduri tiegħu dwar it-trasparenza, inklużi l-aċċessibbiltà u l-klassifikazzjoni tad-dokumenti leġiżlattivi;***
	Or. en

Emenda 79
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddispjaċih*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza ***fil-Kunsill***; jinnota bi tħassib is-sejbiet dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jiddispjaċih*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;	9. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza fil-Kunsill; jinnota bi tħassib is-sejbiet dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;
	Or. fi

Emenda 80
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddispjaċih*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza fil-Kunsill; jinnota bi tħassib ***is-sejbiet*** dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jiddispjaċih*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;	9. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza fil-Kunsill; jinnota bi tħassib ***serju s-sejbiet*** dwar ir-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;

Or. en

Emenda 81
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jiddispjaċih*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza fil-Kunsill; jinnota ***bi tħassib is-sejbiet dwar ir-rifjut tiegħu*** li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jiddispjaċih*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;	9. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li għad hemm nuqqasijiet fit-trasparenza fil-Kunsill; jinnota ***li l-Kunsill irrifjuta*** li jagħti aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt*** li l-analiżijiet reċenti għadhom jenfasizzaw nuqqas ta' pubblikazzjoni proattiva u prattiki ta' reġistrazzjoni;

Or. sk

Emenda 82
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Itenni li l-Kunsill jeħtieġlu jirrispetta l-istess standards tat-trasparenza bħall-Parlament u l-Kummissjoni; jisħaq li l-fiduċja interistituzzjonali tiġi mminata meta istituzzjoni waħda tirrifjuta b'mod persistenti li tagħti l-aċċess pubbliku għad-dokumenti rilevanti għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 83
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-ftehimiet internazzjonali bħall-ftehim UE-Mercosur għandhom impatt fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE, u jissottolinja l-ħtieġa ta' trasparenza fin-negozjati tal-Parlament matul il-proċess kollu, inkluż billi jiġi żgurat aċċess tal-Membri tal-PE għad-dokumenti rilevanti kollha;

Or. pl

Emenda 84
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut	10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut

importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jiddispjaċih***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;	importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; ***iqis li l-mod kif il-President Von der Leyen indirizzat din it-talba tal-aċċess għad-dokumenti naqqas il-fiduċja fil-Kummissjoni; jesprimi dispjaċir għar-riffut persistenti tal-Kummissjoni li tgħid għaliex ma jista' jingħata l-ebda aċċess (jew jista' jingħata aċċess parzjali biss) għad-dokumenti mitluba;*** jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jinnota f'dan ir-rigward li r-reġistrazzjoni ta' dokument hija konsegwenza tal-eżistenza ta' dokument u mhux prerekwiżit għall-eżistenza tiegħu, u li l-Kummissjoni ma tistax tiddependi biss min-nuqqas ta' reġistrazzjoni fis-sistema tagħha biex jiġi stabbilit li ma għandhiex fil-pussess tagħha d-dokumenti mitluba; jemmen bil-qawwa li t-telf jew it-tħassir ta' dokument minħabba biss is-sempliċi azzjoni li dokument jiġi ddikjarat ta' "ħajja qasira" jimmina b'mod fundamentali l-prinċipju tat-trasparenza u tal-governanza tajba, li joħloq preċedent perikoluż għat-trattament futur tal-aċċess għat-talbiet għad-dokumenti***; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;
	Or. en

Emenda 85
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jiddispjaċih***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;	10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jesprimi dispjaċir***, madankollu, ***għall-fatt*** li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-politika interna tal-Kummissjoni hija, effettivament, li ma tirreġistrax messaġġi testwali, peress li targumenta bi żball li l-messaġġi testwali huma "dokumenti ta' ħajja qasira" min-natura tagħhom u "mhumiex maħsuba li jkun fihom informazzjoni importanti relatata mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni";***
	Or. pl

Emenda 86
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti ***għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti*** fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; ***jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; jiddispjaċih, madankollu, li l-***	10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti ***għall-appoġġ tat-trasparenza*** fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; ***jistieden bil-qawwa lill-Kummissjoni tippubblika l-messaġġi kollha skambjati bejn il-President tal-Kummissjoni u l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-kumpanija farmaċewtika Pfizer bejn l-1***

QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;	***ta' Jannar 2021 u l-11 ta' Mejju 2022***;

Or. sk

Emenda 87
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jiddispjaċih***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;	10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jesprimi dispjaċir għall-fatt***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu; ***huwa mħasseb dwar il-mod kif il-Kummissjoni ttrattat il-każ, inkluż in-nuqqas ta' kapaċità tagħha li tispjega għaliex il-messaġġi testwali ma sarux disponibbli;***

Or. en

Emenda 88
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jiddispjaċih***, madankollu, li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu;	10. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza tal-QĠUE fi Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni bħala kontribut importanti għal-linja ta' ġurisprudenza li rawmet prattiki trasparenti fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; jinnota li s-sentenza tenfasizza d-dmir li tinżamm dokumentazzjoni b'mod proattiv biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess; ***jesprimi dispjaċir***, madankollu, ***għall-fatt*** li l-QĠUE għażlet li ma terġax tinterpreta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fid-dawl tal-metodi moderni ta' komunikazzjoni u tal-obbligi ta' trasparenza li qed jevolvu; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bħala l-amministratur tat-Trattati, issegwi r-regoli tagħha stess;***

Or. fi

Emenda 89
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jitlob lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE biex b'mod proattiv jaħżnu, jirreġistraw u jagħmlu aċċessibbli d-dokumenti uffiċjali kollha, inklużi dawk li jsiru permezz ta' messaġġi bit-test, applikazzjonijiet ta' messaġġerija istantanja u kwalunkwe forma oħra ta' komunikazzjoni diġitali meta dawn ikunu relatati ma' affarijiet pubbliċi; ifakkar li, kif iċċarat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża T-36/23 (Stevi u The New York Times vs Il-Kummissjoni), id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti jestendi għall-formati rilevanti kollha u ma jistax jiġi evitat minn regoli interni ta' reġistrazzjoni jew minn prattiki selettivi

ta' ġestjoni tar-reġistri;

Or. it

Emenda 90
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li filwaqt li t-trasparenza trid tibqa' r-regola ġenerali, huwa definit għadd limitat ta' eċċezzjonijiet leġittimi fil-leġiżlazzjoni rilevanti, inkluż għal raġunijiet ta' sigurtà, il-protezzjoni ta' negozjati kontinwi sensittivi u l-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat "spazju għal riflessjoni" protett waqt deliberazzjonijiet interni; jinnota li dawn l-eċċezzjonijiet jestendu wkoll għal ċerti talbiet mhux xierqa jew abbużivi, u huma essenzjali biex jiġi żgurat it-teħid tad-deċiżjonijiet effettiv u responsabbli fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 91
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li diversi proposti leġiżlattivi ppreżentati mill-Kummissjoni waqt l-aħħar leġiżlatura ġew ippreżentati mingħajr valutazzjoni tal-impatt mehmuża jew mingħajr deroga debitament ġustifikata mill-obbligu li tiġi pprovduta valutazzjoni

tal-impatt; jissottolinja li l-koleġiżlaturi jeħtiġilhom jiġu infurmati bis-sħiħ dwar l-evidenza sottostanti li tappoġġja l-inizjattivi leġiżlattivi;

Or. en

Emenda 92
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Huwa ugwalment imħasseb dwar in-nuqqas ta' trasparenza li l-Kummissjoni wriet fil-pubblikazzjoni tal-ftehimiet tax-xiri għall-vaċċini tal-COVID-19; jenfasizza li l-QĠUE qieset li l-Kummissjoni ma tatx lill-pubbliku aċċess wiesa' biżżejjed għall-ftehimiet tax-xiri għall-vaċċini tal-COVID-19[1a];
	[1a] Il-Kawżi T-689/21 | Auken et vs Il-Kummissjoni u T-761/21 | Courtois et vs Il-Kummissjoni, PR: https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2024-07/cp240113en.pdf

Or. en

Emenda 93
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jesprimi dispjaċir, fil-kuntest tar-rapport tal-QEA u tal-iskandli reċenti relatati mal-għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni lil NGOs li qed jagħmlu

pressjoni biex il-Patt Ekoloġiku jiġi ssikkat, għall-fatt li l-Kummissjoni qed tiffinanzja NGOs b'mod mhux trasparenti u ta' tħassib mill-aspett etiku;

Or. pl

Emenda 94
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' trasparenza tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet tagħha, kif żvelat fil-każ Pfizergate u anke fil-każ Smart Kid Belt, u b'mod partikolari r-rifjut tagħha li tagħmel disponibbli l-korrispondenza mar-rappreżentanti tal-manifatturi tas-siġġijiet tal-karozzi tat-tfal li, kif instab mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Mejju 2025 fil-Kawża T-227/24, ikkostitwixxa ksur tad-dispożizzjonijiet rigward l-aċċess għad-dokumenti; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar il-mod kif ikkonformat mas-sentenza fil-każ Smart Kid Belt, u twettaq valutazzjoni sħiħa tal-proċeduri interni għall-aċċess u l-konsultazzjoni tad-dokumenti; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-problemi sistemiċi dwar it-trasparenza, l-etika professjonali u r-responsabbiltà tal-uffiċjali, kif ukoll tippreżenta lill-Parlament rapport dwar il-miżuri korrettivi meħuda;

Or. pl

Emenda 95
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jitlob li l-obbligu impost mill-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li jsir rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament jiġi estiż għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE l-oħra kollha koperti mill-Artikolu 15 tat-TFUE;

Or. it

Emenda 96
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-UE jimplimentaw politika tat-trasparenza mid-disinn u jippubblikaw dokumenti b'mod proattiv, inkluża informazzjoni dwar il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bħall-minuti tal-laqgħat, id-dokumenti b'erba' kolonni, il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, u dokumenti rilevanti oħra irrispettivament mit-tip ta' proċedura, bl-għan aħħar li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom tal-aċċess għad-dokumenti u jwettqu r-rwol tal-iskrutinju tagħhom;

Or. en

Emenda 97
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-eżerċizzju miċ-ċittadini tad-dritt għat-trasparenza u għall-aċċess għad-dokumenti mhuwiex sinjal ta' nuqqas ta' fiduċja li għandu għalhekk jiġi limitat jew ostakolat, iżda pjuttost jippreżenta opportunità biex l-istituzzjonijiet tal-UE juru kif isiru d-deċiżjonijiet u biex tiżdied il-fiduċja tas-soċjetà fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 98
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u***, fejn ikun xieraq,*** tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;	11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza; ***iqis li dan huwa essenzjali għall-kredibbiltà demokratika tal-Unjoni;***

Or. fi

Emenda 99
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għaddokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, matTUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru ***1049/2001***; jenfasizza li l-aċċess għaddokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti ***u, fejn ikun xieraq, tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza***;	11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għaddokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, matTUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru ***1049/2001 u li għadhom għaddejjin l-appelli quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea***; jenfasizza li l-aċċess għaddokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti ***f'konformità mar-rekwiżiti u l-prinċipju tal-Artikolu 15 tat-TFUE u tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***;

Or. it

Emenda 100
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti	11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti

jikkostitwixxi dritt ***fundamentali*** skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni ***sinifikattiva*** taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u***, fejn ikun xieraq, tikkjarifikahom jew*** taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;	jikkostitwixxi dritt ***estremament importanti*** skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni ***xierqa*** taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u, ***f'każ li ma jikkorrispondux għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja,*** taġġustahom ***immedjatament*** sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;

Or. sk

Emenda 101
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; ***jistieden*** lill-Kummissjoni tirrevedi ***dawn ir-regoli*** fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u***, fejn ikun xieraq,*** tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;	11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, u li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; ***iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tirrevedi ***r-regoli tagħha dwar il-ġestjoni u l-arkivji tar-rekords*** fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;

Or. en

Emenda 102

Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti***, u*** li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u, fejn ikun xieraq, tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;	11. Jieħu nota tal-adozzjoni tar-regoli interni riveduti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti***; huwa mħasseb*** li tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-Karta, mat-TUE, mat-TFUE u mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jenfasizza li l-aċċess għad-dokumenti jikkostitwixxi dritt fundamentali skont id-dritt tal-UE, li huwa essenzjali biex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-parteċipazzjoni sinifikanti taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi dawn ir-regoli fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u, fejn ikun xieraq, tikkjarifikahom jew taġġustahom sabiex jintlaħaq l-ogħla livell ta' trasparenza;

Or. en

Emenda 103
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jitlob li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jadottaw proċeduri aċċessibbli għat-trattament tal-ilmenti dwar ir-rifjut li jingħata aċċess u miżuri biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ; ifakkar li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jipprovdu tweġibiet individwalizzati u mhux jiddependu biss minn preżunzjonijiet ġenerali; ifakkar li fil-każ ta' dokumenti relatati ma' emissjonijiet ambjentali, interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar għandu jitqies li

jeżisti fid-dawl tar-Regolament ta' Aarhus;

Or. en

Emenda 104
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jiddispjaċih dwar*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;	12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jesprimi dispjaċir għal*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti; ***jitlob li sakemm tiġi aġġornata l-proposta, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jiġi interpretat strettament u applikat b'mod konsistenti f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti u mal-prinċipju li skontu għandu jiġi żgurat l-aktar aċċess wiesa' possibbli;***

Or. it

Emenda 105
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Lucia Yar, Hilde Vautmans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jiddispjaċih dwar*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;	12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***esprimi dispjaċir għal*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; ***jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni tistudja liġijiet u kulturi nazzjonali differenti rigward l-aċċess għad-dokumenti, inkluż f'dawk l-Istati Membri fejn hemm standards ogħla dwar it-trasparenza milli fil-livell tal-Unjoni;*** jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;

Or. en

Emenda 106
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jiddispjaċih dwar*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi	12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jesprimi dispjaċir kbir għal*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata ***u aktar ambizzjuża*** li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet

standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;	strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;

Or. en

Emenda 107
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jiddispjaċih dwar*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;	12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jesprimi dispjaċir għal*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid ***u ambizzjuż*** tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti;

Or. fi

Emenda 108
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jiddispjaċih dwar*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara snin ta'	12. Jieħu nota tal-irtirar mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-2008 u l-2011 għar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001; ***jesprimi dispjaċir għal*** din id-deċiżjoni li jiġu rtirati wara

staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li ***tillimita l-eċċezzjonijiet għall-każijiet strettament meħtieġa u tistabbilixxi standard ġdid tal-UE għall-ftuħ u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti***;	snin ta' staġnar mingħajr pjan direzzjonali ċar, skeda ta' żmien jew konsultazzjoni sinifikanti, u fejn għaldaqstant intilfet opportunità ewlenija biex jiġi mmodernizzat il-qafas eżistenti u antikwat; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta aġġornata li ***tinkorpora l-ġurisprudenza tal-QĠUE u l-QEDB u tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-PE, inkluża l-pożizzjoni tiegħu tal-2011***;

Or. en

Emenda 109
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza li meta l-istituzzjonijiet tal-UE joħorġu dokumenti jew rapporti uffiċjali li jkollhom kwalunkwe tip ta' impatt fuq l-Istati Membri jew iċ-ċittadini tagħhom, dawn irid ikun fihom l-ismijiet tal-uffiċjali u/jew tal-esperti li kitbuhom; jenfasizza li d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jkunu jafu l-identità tal-awturi ta' tali dokumenti jipprevali fuq il-ħtieġa li jiġu protetti, jekk ikun meħtieġ u jekk applikabbli, id-drittijiet tal-privatezza tal-individwi li kitbu tali dokumenti jew rapporti;

Or. pl

Emenda 110
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jistieden lill-Parlament Ewropew jagħti l-eżempju t-tajjeb billi jiddivulga b'mod proattiv id-dokumenti f'konformità mal-prattika stabbilita tiegħu rigward it-trasparenza leġiżlattiva u billi jestendi dan l-approċċ għal dokumenti amministrattivi, inklużi l-aġendi u l-minuti tal-laqgħat tal-koordinaturi, kif ukoll id-dokumenti tal-Bureau, inklużi n-noti tas-Segretarju Ġenerali;

Or. it

Emenda 111
Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' aktar trasparenza u aċċess proattiv għad-dokumenti mill-aġenziji tal-UE; jistieden lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) tagħti lill-Parlament Ewropew aċċess f'waqtu għall-informazzjoni u l-analiżi tagħha dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu u pajjiżi terzi bla periklu, f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament EUAA, sabiex tissaħħaħ is-sorveljanza demokratika;

Or. en

Emenda 112
Georgiana Teodorescu, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza bil-qawwa li kwalunkwe eċċezzjoni għall-aċċess pubbliku għal

dokumenti jew informazzjoni tal-UE jeħtieġ li tiġi analizzata fuq bażi ta' każ b'każ, hekk kif jitqies li l-aċċess għal tali dokumenti huwa r-regola, filwaqt li l-eċċezzjonijiet mir-regola huma suġġetti għal interpretazzjoni stretta;

Or. en

Emenda 113
Georgiana Teodorescu, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jenfasizza li meta l-istituzzjonijiet tal-UE joħorġu dokumenti jew rapporti uffiċjali li jkollhom kwalunkwe tip ta' impatt fuq l-Istati Membri jew iċ-ċittadini tagħhom, dawn irid ikun fihom l-ismijiet tal-uffiċjali u/jew tal-esperti li jkunu kitbuhom; jisħaq li d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jkunu jafu l-identità tal-awturi ta' tali dokumenti jipprevali fuq il-ħtieġa li jiġu protetti, jekk ikun meħtieġ u jekk applikabbli, id-drittijiet tal-privatezza tal-individwi li jkunu kitbu tali dokumenti jew rapporti;

Or. en

Emenda 114
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-	13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-

proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku***. jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE għandhom jistabbilixxu, fuq is-siti web rispettivi tagħhom, pariri dwar liema informazzjoni għandu jkun fiha talba għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 sabiex jiġi ssimplifikat l-ipproċessar tat-talbiet;***
	Or. pl

Emenda 115
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jirrakkomanda li*** d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji ***jiġi indirizzat b'mod urġenti*** billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	13. ***Itenni t-talba tiegħu li tħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza*** d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji billi ***jiġi adottat approċċ proattiv,*** jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;
	Or. en

Emenda 116
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Nikola Minchev, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi ***abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet*** u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;

Or. en

Emenda 117
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi ***umani u finanzjarji*** u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;

Or. en

Emenda 118
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat ***b'mod urġenti*** billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat ***immedjatament*** billi jittejbu l-proċeduri interni, jiġu allokati biżżejjed riżorsi u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;

Or. fi

Emenda 119
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni***, jiġu allokati biżżejjed riżorsi*** u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;	13. Jirrakkomanda li d-dewmien sistemiku fit-trattament tal-applikazzjonijiet konfermatorji jiġi indirizzat b'mod urġenti billi jittejbu l-proċeduri interni u tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha u trasparenti mal-applikanti, sabiex jiġu rrispettati l-obbligi legali u ***b'hekk*** jiġu appoġġjati l-fiduċja u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku;

Or. sk

Emenda 120
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jitlob li r-rifjuti għat-talbiet għall-aċċess ikunu motivati b'raġunijiet konkreti u individwalizzati u kkomunikati

mingħajr dewmien mhux ġustifikat, f'konformità mal-ġurisprudenza reċenti; jitlob li tiġi introdotta proċedura ta' reviżjoni aċċelerata mill-Ombudsman Ewropew jew mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari f'każijiet li jinvolvu interessi pubbliċi rilevanti;

Or. it

Emenda 121
Georgiana Teodorescu, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrimarka li, fil-każ ta' uffiċjali Ewropej jew espert li jiktbu rapporti jew dokumenti b'impatt fuq l-Istati Membri, id-dritt li jkun magħruf isimhom jieħu prijorità fuq kwalunkwe protezzjoni applikabbli possibbli tad-data personali ta' dawn l-individwi;

Or. en

Emenda 122
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jistabbilixxu programmi ta' taħriġ obbligatorji u kontinwi għall-persunal kollu, b'attenzjoni partikolari għal dawk li jimmaniġġjaw id-dokumenti u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex jippromwovu kultura interna ta' trasparenza, obbligu ta' rendikont u

governanza tajba;

Or. it

Emenda 123
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li t-trasparenza u ***l-aċċess għad-dokumenti*** miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li ***l-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati*** b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku;	14. Jisħaq li t-trasparenza u ***l-pubblikazzjoni proattiva tad-dokumenti*** miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li ***kwalunkwe deċiżjoni li tiċħad l-aċċess pubbliku għad-dokumenti trid tiġi intepretata*** b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar***, u abbażi ta' eżenzjonijiet legali definiti b'mod ċar u strett akkumpanjati minn ġustifikazzjoni motivata u speċifika,*** sabiex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku ***billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini jifhmu ċ-ċaħda tal-aċċess u jkunu jistgħu jagħmlu użu mir-rimedji legali disponibbli fejn ikun meħtieġ***;

Or. en

Emenda 124
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li l-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-	14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li l-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-

interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku;	interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku; ***jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti fir-rigward ta' kuntratti ma' partijiet terzi; jistieden lill-Kummissjoni turi aktar inizjattiva fil-pubblikazzjoni ta' kemm jista' jkun informazzjoni dwar proċeduri ta' sejħa għal offerti;***

Or. pl

Emenda 125
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti ***miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE*** jridu jkunu r-regola u li l-eċċezzjonijiet ***għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ikun jista' jsir*** skrutinju ***pubbliku***;	14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti jridu jkunu r-regola u li l-eċċezzjonijiet ***iridu jkunu deċiżi fil-mument li jinħolqu d-dokumenti rilevanti, u jistgħu jiġu invokati biss jekk ikun strettament meħtieġ u ġġustifikat minħabba danni konkreti, effettivi u prevedibbli; jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta'*** skrutinju ***indipendenti li jirrevedi l-prattiki ta' klassifikazzjoni u deklassifikazzjoni ta' kull sena***;

Or. it

Emenda 126
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li l-	14. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE jridu jkunu r-regola u li l-

eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ***ikun jista' jsir*** skrutinju pubbliku;	eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar sabiex ***jippermetti*** skrutinju pubbliku ***u kredibbiltà demokratika***;
	Or. fi

Emenda 127
Evin Incir

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jinnota bi tħassib li bħalissa l-uniku mod kif iċ-ċittadini jistgħu jikkontestaw ir-rifjut ta' talba għall-aċċess għal dokument jew in-nuqqas ta' rispons f'waqtu meta l-iskadenzi ma jiġux rispettati huwa billi jressqu lment lill-Ombudsman, li r-rakkomandazzjonijiet tagħha sfortunatament mhumiex legalment vinkolanti, jew billi jifthu proċedimenti tal-qorti kontra l-istituzzjoni quddiem il-QĠUE, li jinvolvi proċess estremament twil u għali, u eżiti inċerti, u dan joħloq piż mhux raġonevoli li jnaffar liċ-ċittadini li jkunu jixtiequ jikkontestaw deċiżjoni li jiġi rifjutat l-aċċess (parzjali); jenfasizza li, fil-prattika, dan ifisser li ma hemm l-ebda rimedju effettiv kontra deċiżjoni negattiva dwar talba għall-aċċess għad-dokumenti; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex madankollu jagħtu segwitu b'mod sħiħ u fil-pront lid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman; jappella lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji tal-UE jadottaw proċeduri aktar rapidi, aktar aċċessibbli u aktar simplifikati għat-trattament tal-ilmenti dwar ir-rifjut li jingħata aċċess u miżuri biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jikkontestaw id-deċiżjonijiet jekk ikun meħtieġ; jirrakkomanda, f'dan il-kuntest, li

jinħatru uffiċjali anzjani jew esperti indipendenti bil-kapaċità li jirrieżaminaw, mingħajr dewmien żejjed, l-appelli li jikkonċernaw talbiet għall-aċċess għad-dokumenti; jenfasizza li l-impożizzjoni ta' tariffi legali għoljin ħafna fuq is-soċjetà ċivili għandha effett disważiv fuq l-aċċess tagħha għall-ġustizzja fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, li huwa dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 42 tal-Karta, u timmina d-dritt tas-soċjetà ċivili għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta;

Or. en

Emenda 128
Mariusz Kamiński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza l-obbligu li jinżamm rekord komplet u preċiż tal-azzjonijiet kollha meħuda mill-Kummissarji u l-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom; iqis li mhuwiex aċċettabbli li l-laqgħat li fihom jipparteċipaw il-Kummissarji u uffiċjali oħra ta' kariga għolja fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, kif ikkonfermat mill-finanzjament tal-ivjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tal-gratifiki per diem mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, huma rrekordjati b'mod mhux adegwat u li l-proċedimenti huma moħbija mill-pubbliku, kif inhu l-każ bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji fil-laqgħat tal-Grupp Bilderberg; jisħaq li tali prattiki jmorru kontra l-prinċipji tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont pubbliku u jqajmu mistoqsijiet dwar kunflitti ta' interess potenzjali u influwenzi esterni fuq il-politiki tal-Unjoni Ewropa; jistieden lill-

Kummissjoni tħejji minuti preċiżi ta' dawn il-laqgħat u tiżgura t-trasparenza u l-aċċessibbiltà pubblika tagħhom, li sa issa ma ġewx implimentati kif mistħoqq;

Or. en

Emenda 129
Georgiana Teodorescu, Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappoġġja t-talba li saret mis-soċjetà ċivili li s-seduti pubbliċi kollha tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jiġu mxandra b'mod dirett, kif diġà huwa l-każ għal xi qrati nazzjonali u internazzjonali, bħal pereżempju l-Conseil Constitutionnel fi Franza u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. en

Emenda 130
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappoġġja t-talba magħmula mis-soċjetà ċivili li s-seduti pubbliċi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jixxandru b'mod dirett, kif diġà huwa l-każ għal xi qrati nazzjonali u internazzjonali; bħal pereżempju l-Conseil Constitutionnel fi Franza u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. pl

Emenda 131
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob trasparenza shiħa rigward l-użu tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fid-deċiżjonijiet u l-proċeduri tal-istituzzjonijiet tal-UE, inkluża l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dettaljata dwar l-algoritmi, id-data tat-taħriġ u l-valutazzjonijiet tal-impatt;

Or. it

Emenda 132
Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Nikola Minchev, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja li nuqqas ta' għarfien dwar jekk id-dokumenti fil-fatt jeżistux jista' jimpedixxi liċ-ċittadini milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu aċċess; jisħaq li l-fatt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu, isegwu fid-dettall u jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv huwa rekwiżit legali skont it-Trattati u l-Karta, u huwa rekwiżit bażiku għall-iskrutinju demokratiku u għad-demokrazija inġenerali;	15. Jissottolinja li nuqqas ta' għarfien dwar jekk id-dokumenti fil-fatt jeżistux jista' jimpedixxi liċ-ċittadini milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu aċċess; jisħaq li l-fatt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu, isegwu fid-dettall u jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv huwa rekwiżit legali skont it-Trattati u l-Karta, u huwa rekwiżit bażiku għall-iskrutinju demokratiku u għad-demokrazija inġenerali; ***jitlob għalhekk li jitwettqu kampanji mmirati ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE u biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti u dwar l-għodod u l-proċeduri eżistenti disponibbli biex jeżerċitawhom;***

Or. en

Emenda 133
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja li nuqqas ta' għarfien dwar jekk id-dokumenti fil-fatt jeżistux jista' jimpedixxi liċ-ċittadini milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu aċċess; jisħaq li l-fatt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu, isegwu fid-dettall u jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv huwa rekwiżit legali skont it-Trattati u l-Karta, u huwa rekwiżit bażiku għall-iskrutinju demokratiku u għad-demokrazija inġenerali;	15. Jissottolinja li nuqqas ta' għarfien dwar jekk id-dokumenti fil-fatt jeżistux jista' jimpedixxi liċ-ċittadini milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu aċċess; jisħaq li l-fatt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu, isegwu fid-dettall u jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv***, inkluż fil-proċess li fih il-korpi preparatorji huma involuti fil-proċeduri leġiżlattivi u għandhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha,*** huwa rekwiżit legali skont it-Trattati u l-Karta, u huwa rekwiżit bażiku għall-iskrutinju demokratiku u għad-demokrazija inġenerali;

Or. en

Emenda 134
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Malik Azmani, Irena Joveva, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza li ftehimiet internazzjonali għandhom effett legali vinkolanti u jsawru l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-UE; jinsisti, għaldaqstant, fuq l-imperattiv tal-iżgurar tat-trasparenza sħiħa tul il-proċess tan-negozjati, billi jagħti lill-Membri tal-Parlament Ewropew aċċess f'waqtu u

mhux ristrett għad-dokumenti rilevanti kollha; ifakkar li, skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament għandu "jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura";

Or. en

Emenda 135
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15 bis. Jitlob il-pubblikazzjoni proattiva u f'waqtha tad-dokumenti preparatorji kollha tal-Kunsill għan-negozjati interistituzzjonali, inklużi l-pożizzjonijiet tad-diversi Stati Membri, l-hekk imsejħa dokumenti b'erba' kolonni u t-testi nnegozjati tal-ftehimiet internazzjonali, filwaqt li l-pubblikazzjoni tagħhom tiġi stabbilita bħala prattika standard fl-istadji kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, f'konformità mal-prinċipji tal-parteċipazzjoni demokratika minquxa fit-Trattati u fil-Karta;

Or. it

Emenda 136
Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja li t-trasparenza trid tmur id f'id mal-obbligu ta' rendikont; jappella li jiġu introdotti awditi annwali

mill-Ombudsman Ewropew fuq il-konformità istituzzjonali mal-obbligi tat-trasparenza, inklużi każijiet speċifiċi ta' rifjut mhux iġġustifikat jew dewmien fl-għoti ta' aċċess;

Or. en

Emenda 137
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq li t-trasparenza u l-aċċess sħiħ għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet Ewropej iridu jkunu r-regola, u li l-eċċezzjonijiet għal dik ir-regola jridu jiġu interpretati b'mod strett, filwaqt li jitqies l-interess pubbliku prevalenti fl-iżvelar;

Or. pl

Emenda 138
Markéta Gregorová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jitlob li tiġi stabbilita sistema faċli għall-utent fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew li permezz tagħha, għal kull votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet, it-test ivvutat u r-riżultati tal-votazzjoni jkunu jistgħu jiġu ffiltrati skont il-grupp u l-MEP;

Or. en

Emenda 139
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jitlob li kull meta dokument jew komunikazzjoni mitluba tikkonċerna kwistjonijiet ta' interess pubbliku sostanzjali jew kontroversji sinifikattivi bħal fil-każ tan-negozjati u l-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19, il-preżunzjoni għandha tkun favur id-divulgazzjoni sħiħa, filwaqt li jiġu permessi eċċezzjonijiet minħabba raġunijiet konkreti u sostanzjali biss; jitlob li ssir reviżjoni rapida fil-każijiet ta' riffut relatati ma' dawn il-kwistjonijiet;

Or. it

Emenda 140
Jadwiga Wiśniewska

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jikkonformaw bis-sħiħ mas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża T-540/1 dwar l-aċċess għad-dokumenti tat-trilogu; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari lill-Kunsill, itejbu r-regoli u l-proċeduri tagħhom dwar it-trasparenza leġiżlattiva;

Or. pl

Emenda 141
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Malik Azmani, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri japplikaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Ombudsman, filwaqt li jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom stess skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-istat tad-dritt.

Or. en